MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 735/2014

**Rikors Numru 735/2014 SM**

**L-Avukat Dr. Patrick J. Galea**

**(K.I. 639759 (M))**

**Bhala mandatarju specjali ta’ l-assenti**

**Margit Ceszkowski**

**vs**

**M. Architecture Limited**

**(C – 30595)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat il-21 t'Awwissu, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti *nomine* sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi b'sentenza datata z-17 ta' Frar, 2011, il-Qorti Regjonali ta' Cologne, il-Germanja, iddikjarat lis-socjeta` intimata debitrici ta' Margit Ceszkowski fl-ammont ta' miljun u seba` mija u ghoxrin elf Ewro, (€1,720,000.00), oltre l-imghax miz-19 ta' Jannar, 2011, (ara foll 6 sa 14);

1.2. Illi *stante* li l-istess sentenza hi finali, a bazi tar-Regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea 44/2001 u tar-Regolamenti 805/2004 ta' l-istess Unjoni, qed jintalab rikonoxximent u esekuzzjoni ta' l-istess sentenza riferita fil-paragrafu precedenti;

1.3. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti *nomine* adixxa din il-qorti biex, *a tenur* tan-normativa fuq imsemmija, talab lil din il-qorti biex:

1.3.1. Tordna r-rikonoxximent u l-esekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija;

1.3.2. Bl-ispejjez;

2. Rat il-verbal datat id-29 ta' Jannar, 2015, li permezz tieghu l-qorti giet infurmata li s-socjeta` intimata giet debitament notifikata, (ara foll 68);

3. Ezaminat l-atti u dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

4. Illi din hi procedura specjali intiza biex a bazi tar-Regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea fuq indikati sentenza moghtija f'qorti ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jigi rikonoxxut u enforzat permezz tal-procedura hemm kontemplata;

5. Illi s-sentenza tal-qorti Germaniza fuq riferita datata z-17 ta' Gunju, 2011, tissodisfa l-kriterji hemm kontemplati;

**DECIDE:**

6.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li t-talbiet tar-rikorrenti *nomine* gew debitament ipprovati u konsegwentement:

6.1. Tilqa` t-talbiet tar-rikorrenti *nomine*;

6.2. Tordna li s-sentenza tal-Qorti Regjonali ta' Cologne, il-Germanja, datata z-17 ta' Frar, 2011, tigi rikonoxxuta u ezegwita f'Malta;

6.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` intimata *M. Architecture Limited*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------